MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Numru 71/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**Spettur Abraham Zammit**
**v**

**CYPRIAN CASSAR**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CYPRIAN CASSAR** ta' sittax il-sena bin Edward u Panayiota nee Avgusti, imwieled Pieta nhar l-hmistax ta' Awissu 1983 u residenti 148, Triq s-Salini, Wied il-Ghajn, detentur tal-karta tal-identita numru 405583M, kiEn gie mressaq quddiemha akkuzat ma **KRIS APAP** ta' sbatax il-sena, bin Edgar u Carmen nee Axiaq, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Gunju 1982 u residenti 201, Triq Marina, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 366082M, **DENNIS APAP** ta' hmistax il-sena, bin Edgar u

Carmen nee Axiaq, imwieled Pieta nhar t-tletin ta' April 1984 u residenti 'Shik Apartments' Flat 31, Triq Sant'Anna, Wied il-Ghajn, detentur tal-karta tal-identita numru 224784M, **DANIEL TONNA** ta' sbatax il-sena, bin Carmel u Carmen nee Tonna, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1982 u residenti 50, 'Redemeer' Triq c-Crieki, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 653882M u **WINSLOW AGIUS** ta' sittax il-sena, bin Emanuel u Maria Victoria nee Ellul, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Frar 1983 u residenti 'Stavic-Win', Triq il-Kapuccini, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 135783M, wkoll akkuzati talli fil-hamsa ta' Jannar 2000 u l-granet ta' qabel f'hinijiet differenti gewwa M'Scala, Rahal Gdid u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifikaw biljetti tal-flus jew mexxew biljetti tal-flujs falsifikati u li kienu jafu li huma falsifikati;

2. Minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtraw jew ircievew minghand xi persuna jew kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom biljetti tal-flus falsifikati u li kienu jafu li l-istess kienu falsifikati;

3. Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet folow jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex gieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex jqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika jew b'qerq iehor, ghamlu qliegh ta' aktar minn ghorxrin lira maltin ghad-dannu tas-socjietajiet "Sweet Shop", "Sun City Palais", M'Scala, "Country Style Doughnuts" f' M'Scala, "Gallaria Complex" fil-Fgura, "Douglas" f'Rahal Gdid, u bosta persuni ohra.

Illi l-ko-akkuzati l-ohra salv u b'eccezzjoni ta' Cyprian Cassar kienu ammettew l-akkuzi u diga nghatat sentenza minn Qorti ohra diversament preseduta [li ghalhekk din is-

sentenza ser tinghata biss fil-konfront tal-imputat Cyprian Cassar].

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill- Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza b'mod sommarju fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2001 li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta a fol 157 tal-atti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lix-xhieda prodotta in difeza principalment missier l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi **l-Ispettur Abraham Zammit xehed** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Frar 2000 fejn spjiega kif nhar l-hamsa ta' Jannar 2000 huwa kien infurmat mill-Ghassa li kienu ghadhom kif arrestaw xi guvintur in konnessjoni ma flus foloz. Minn fuq il-persuna ta' dawn il-guvintur kienu gew elevati zewg karti tal-hames liri li ma kienux valuta legali mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta, u karta ohra ta' hames liri debitament mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta. Illi waqt l-investigazzjoni rrizulta li kien l-imputat li ghamel il-flus illegali permezz tal-kompjuter. Huwa ghalhekk mar fil-fond tal-imputat u cioe 148, Triq is-Salini, Wied il-Ghajn, u sab hemmhekk lil imputat flimkien mal-endituri tieghu.

L-imputat ammetta mieghu li l-flus kien ghamilhom hu permezz tal-kompjuter. Mistoqsi a tempo vergine tal-investigazjoni ghaliex ghamilhom l-imputat stqarr li ommu ghandha nazzjonalita Ciprijotta u li f'Cipru, meta bniedem jizzewweg, jwahhal l-flus mal-hwejjeg bhala sinjal li kien qala hafna rigali ghat-tieg.

**Xehed wkoll l-Ispettur Martin Sammut** li kkonferma dak li qal l-Ispettur Abraham Zammit salv li zied jghid li whud

mill-guvintur li gew arrestati, u sussegwentement investigati kienu marru gewwa xi hwienet u ttantaw jaghmlu xirja bil-flus li ma kienux valuta legali.

**Martin Bajjada** l-espert nominat mill-Qorti waqt l-inkjesta apposita, ikkonferma li fil-kompjuter li gie elevat mill-imputat kien hemm immagini ta' flus ta' hames liri bl-istess numru tas-serie bhal dik li dehret fuq il-karti li gew elevati mill-Pulizija.

**Ivan Formosa** espert forensiku nominat mill-Qorti, xehed li huwa ezamina l-flus li gew ppresentati l-Qorti w ikkonferma li l-flejjes esibiti l-Qorti kienu kollha foloz salv u b'eccezzjoin ghal karta wahda li kienet originali. Fil-fehma tieghu, gew stampati sitt folji ta' daqs A4 u minn dawn hargu zewg kopji ta' hames liri kull darba. Dan huwa ekwivalenti ghal valur ta' sittin lira maltin.

**Xehed wkoll PC 712 Mario Fabri u PC 202 Jesmond Grech** li qalu li ghamlu serach fuq il-persuna ta' Dennis Apap u Winslow Agius u sabu karti ta' flus foloz fil-pussess taghhom.

**Philip Chircop** li hu rappresentant tal-Bank Centrali ta' Malta ikkonferma li l-imputat m'inghata ebda permess sabiex jipprintja xi flus u dan ghaliex l-uniku organu li jista johrog il-flus huwa il-Bank Centrali ta' Malta.
**PS 1439 John Tabone ikkonferma** li Noel Zerafa proprjetarju tal-hanut 'Lacass Pet Shop' kien qallu li ftit qabel kienu marru tlett zghazagh fil-hanut tieghu u xtraw b'hames liri falza. Huwa gera warajhom fil-gnien llum imsejjah "Lorry Sant" izda ghal xejn ghaliex ma lahaqhomx. Irrizulta pero li l-imputat Cyprian Cassar ma kienx wiehed minnhom.

**Romina Magri** stqarret li ghamlet zmien tahdem bhala sales girl fil-hanut 'Sweet Shop' proprjeta ta' Supermarket Pirella u tiftakar li xi hadd taha hames liri falza pero ma ftakritx l-perjodu u lanqas minn tahilha. Mistoqsija jekk tgharafx lil imputat wiegbet fin-ngettiv.

**Charles Barbara** stqarr li huwa sid il-hanut 'Country Style' f'M'Scala u ftakar li kien ircieva telefonata mill-bank fejn infurmawh li wahda mill-hames liri li kien iddeposita fl-ATM maachine kienet falza. Mistoqsi kif spiccat ghandu l-hames liri in kwistjoni, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb. Mistoqsi jekk jgharafx lil imputat in konessjoni mal-kwistjoni tal-hames liri falza, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

**Noel Zerafa** sid il-hanut 'Lacass Pet Shop' stqarr li xi hadd kien tah hames liri falza pero ma kienx induna b'dan qabel. Stqarr fl-ebda hin ma ndika lil imputat bhala xi ko-partecipi f'xi reat kommess mal-hames liri falza.

**John Cachia** mastrudaxxa ikkonferma li kien hemm xi guvintur li xtraw xi candlesticks minghandu ghal prezz ta' hames liri pero mistoqsi jgharafx lil imputat, wiegeb fin-negattiv.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil Dennis Apap, lil Daniel Tonna u lil Winslow Agius jixhdu wara li l-kaz taghhom kien gie deciz pero ix-xhieda taghhom stante li kienu ko-akkuzati, tikkostitwixxi prova salv jekk ma tkunx korroborata minn provi cirkostanzjali u f'dan il-kaz, il-Qorti ma thossx li hemm dawk l-indizzji kolloborativi rikjesti mill-ligi u dan peress li l-ebda xhud prodott mill-Prosekuzzjonni ma semma lil imputat li mar jixtri b'xi flejjes foloz u kien l-imputat stess li tefa' dawl fuq l-istharrig tal-pulizija dwr l-istampar u produzzjoni tal-flejjes.

Illi skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, l-imputat kien akkuzat bir-reat ta' *forgery and uttering of currency* kif kontemplat fl-artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' frodi skond l-artikoli 308 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar t-tieni akkuza, u cioe dik ta' frodi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess, ma jirrizultax li l-imputat f'xi hin ittanta jiffroda lil xi hadd. Element ta' truffa ma hemmx u wisq inqas ma kien hemm xi messa in scena. Hu b'ebda mod ma ta lil xi hadd jifhem li ghandu xi flus meta fil-fatt ma kellux. Huwa kull ma ghamel kien li pprintja flus wara

li scannja l-flus fil-kompjuter.  Illi ghalhekk zgur li din l-akkuza ma tirrizultax.

Dwar l-ewwel akkuza, u cioe dik tar-reat ta' falsifikazzjoni, il-Qorti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni trid tipprova iz-zewg elementi kostituttivi li dan r-reat u cioe l-*actus reus*, li f'dan il-kaz bla dubbju ta' xejn hu ppruvat permezz ta' l-istatement rilaxxjat mill-imputat stess u mill-ezamijiet li saru fuq il-kompjuter tieghu.  Izda dwar l-element formali u cioe il-*mens rea* tal-imputat, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

L-imputat li fiz-zmien li gie arrestat kellu biss sittax il-sena, irrilaxxja stqarrija li giet esibita fl-atti u tinsab a fol 33 et seq.  Illi dakinhar stess l-imputat ammetta li kien hu li pprintja l-flejjes li nstabu mill-Pulizija pero dan ghamlu bhala cajta fis-sens li ried jwahhalhom mal-flokk. Mistoqsi ghaliex ikkupjhom minn wara u minn quddiem, l-imputat wiegeb ghaliex kienu ser jmorru f'disco u joqghodu jxejjruhom.  Mistoqsi ghalfejn ghamel hekk l-imputat wiegeb a fol tlieta tal-istqarrija tieghu, li gietu l-idea peress li fil-Grecja hemm uzanza li fit-tigijiet jwahhlu l-flus mal-hwejjeg u peress li ommu hija Griega, gietu din l-idea.

L-imputat gie mistoqsi diversi drabi fl-istqarrija tieghu jekk kien qed jiddejjaq jghid l-verita jew jekk kienx qed jibza minn xi hadd u huwa wiegeb fin-negattiv u zied jghid li huwa qatt ma ghamel uzu minnhom ghal xi xiri ta' oggett.

**L-imputat xehed viva voce l-Qorti** nhar t-tmienja ta' Jannar 2004 w ikkonferma dak li qal fl-istqarrija tieghu w in oltre esibixxa ktieb li jismu 'Cyprus'' bil-flus imdendla mieghu.  Illi ix-xhieda tieghu kienet attendibbli u konsistenti mal-versjoni tal-fatti moghtija minnu stess fl-istqarrija bikrija li kien irrilaxxja.

Issa l-Qorti tirrileva li skond l-ligi, hija tista temmen xhud in parte jew in toto.  F'dan il-kaz il-Qorti ma thossx li m'ghandhix temmen ix-xhud u cioe lil imputat f'dak li qal in toto kemm lil Pulizija kif wkoll viva voce l-Qorti u ghalhekk

l-mens rea tal-imputat rikjesta ghall-esistenza ta' dan r-reat, zgur li ma tirrizultax.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 45 u 46 tal-Kap 204 u l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat CYPRIAN CASSAR hati ta' dawn iz-zewg akkuzi u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------